MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

SEDUTA TA' L-10 TA' JANNAR, 2014

TALBA NUMRU. 337/2012

**CALBIAN Company Limited**
**C-16211**

**vs**

**BROWN'S Pharma Limited**
**C-22952**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ddikjarat illi hija kreditrici tas-socjeta' intimata fis-somma kumplessiva ta' €1,012.65c rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fuq ordni taghha stess. Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti qed titlob illi jigi dikjarat illi s-socjeta' intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fl-ammont ta' €1,012.65c kif ukoll kundanna ghall-hlas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' April 2012 u bl-imghax mid-data ta' kull konsenja kontra s-socjeta' intimata li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prodotti suppliti minnha lis-socjeta' konvenuta huma difettuzi kif se jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta ma setghetx tkompli tbieghhom lill-konumaturi mill-ispizeriji taghha minhabba n-numeruzi ilmenti li rceviet dwar l-istess prodotti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti, kontra s-socjeta' attrici.

Ra l-kontrotalba mressqa mis-socjeta' konvenuta, li permezz taghha ddikjarat illi l-prodotti suppliti mis-socjeta' attrici huma affetti minn diversi difetti, kif se jigi muri tul is-smiegh tal-kawza, illi jaghmluhom mhux tajbin ghall-bejgh mis-socjeta' konvenuta lill-konsumaturi; Illi minkejja li f'diversi okkazjonijiet is-socjeta' attrici giet mitluba sabiex tiehu lura l-prodotti illi s-socjeta' konvenuta ma setghetx tbiegh, u dan minhabba n-numeruzi ilmenti minn konsumaturi li xtraw il-prodott, is-socjeta' attrici rrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi; Illi minhabba r-ragunijiet suesposti u sabiex tezimi ruhha minn kull responsabilita', is-socjeta' konvenuta rikonvenjenti ser tghaddi sabiex fil-granet illi gejjin, tiddepozita l-prodott mhux mibjugh taht l-Awtorita' tal-Qorti. Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta titlob lil dan it-Tribunal sabiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja f'dan il-kaz: (1) Jiddikjara illi s-socjeta' konvenuta rikonvenjenti kellha raguni tajba sabiex ma tbieghx il-prodott in kwistjoni; (2) Tordna illi l-prezz pretiz mis-socjeta' attrici jigi ridott in kwantu ghall-prodott mhux mibjugh mis-socjeta' konvenuta kif premess u li ser ikun depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti kif indikat.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u tac-cedola ta' depozitu, kontra s-socjeta' attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici rikonvenuta, illi permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro talba taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2012, fejn fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, giet ordnata l-inverzjoni tal-provi.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti, u tax-xhieda mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew esebiti.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi xehdu diversi spizjara, impjegati mas-socjeta' konvenuta, illi ddikjaraw illi huma kienu jbieghu mill-varji stabbilimenti, ossia spizeriji, gestiti mis-socjeta' konvenuta, il-prodotti mertu ta' din il-kawza, u cioe' il-prodott mgharuf bl-isem "Intellicig". Illi dan kien jikkonsisti f'apparat, simili ghal sigarett, u li jintuza mill-konsumatur bhala sostitut ghas-sigaretti. Illi dan kien jikkonsisti f'diversi komponenti li jkunu disponibbli fi *starter pack*, kif ukoll *cartridge refills* illi jinxtraw separatament.

Illi skond id-deposizzjoni illi nghatat minn uhud mill-ispizjara illi bieghu dan il-prodott lill-konsumaturi, kienu qed jircievu diversi lmenti minghand il-klijenti dwar dan il-prodott, b'mod partikolari illi ma kienx qed jiffunzjona, jew ma kienx qed jiffunzjona sew. Illi fost l-ilmenti li rcivew kien hemm illi nqala' il-*bulb* li jkun hemm fit-tarf ta' quddiem ta' dan l-"Intellicig", illi l-*atomiser* ma kienx qed jiffunzjona sew, u ghalhekk ma kiemx qed johrog duhhan/fwar minnu, illi c-*charger* ma kienx qed jiffunzjona sew, u anke f'okkazjoni partikolari, li ma kienx qed jahdem l-oggett per se, u li ghalhekk kien jehtieg illi jinbidel b'wiehed gdid. Illi meta l-klijenti kienu javvicinaw lill-impjegati tas-socjeta' konvenuta b'dawn l-ilmenti, huma kienu imbaghad jikkomunikaw mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kien jistharreg dwar l-ilmenti, u jipprova

jirrimedja ghal dawn il-problemi, u mbaghad jerga’ jiehu l-prodott lura fl-ispizerija, sabiex jerga’ jingabar mill-klijent. Illi dawn l-ispizjara xehdu illi s-servizz li kien jipprovdi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici meta kien jircievi dawn l-ilmenti ma kienx wiehed adegwat u sodisfacenti, ghaliex kien ikun aggressiv mal-istess spizjara, oltre illi kien hemm xi okkazjonijiet meta dam diversi granet sabiex irritorna l-oggett lira fl-ispizerija, bil-konsegwenza illi l-konsumatur kien imur igerger mal-ispizjara dwar id-dewmien.

Illi x-xhud Tiziana Ceci, li tokkupa l-kariga ta’ General Manager fi hdan is-socjeta’ konvenuta, xehdet illi l-ftehim ta’ negozju li ntlahaq bejn is-socjetajiet kontendenti kien wiehed verbali. Illi tali relazzjoni kummercjali dahlet fis-sehh f’April 2010. Illi gara illi diversi klijenti bdew jmorru lura fl-ispizeriji bil-prodott illi jkunu xtraw, ghaliex kienu jilmentaw li kienu difettuzi u li ma kienux qed jiffunzjonaw sew. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kien imbaghad jivverifika dwar dawn l-ilmenti, izda ma kienx ikun sufficjentement efficjenti, u ghalhekk il-klijenti kienu jilmentaw anke f’dan ir-rigward. Illi per konsegwenza ta’ dan, is-socjeta’ konvenuta deherilha illi kienet qedha tiehu fama hazina, ghaliex in-nuqqasijiet fil-prodott li kienet takkwista minghand is-socjeta’ attrici u tbiegh lill-klijenti taghha, u s-servizz li s-socjeta’ attrici kienet qed tipprovdi, kienu qed jirriflettu hazin fuq is-socjeta’ konvenuta. Illi eventwalment is-socjeta’ konvenuta waslet ghall-konkluzjoni illi ma rieditx tibqa’ ghaddejja bir-relazzjoni kummercjali taghha mas-socjeta’ attrici, u ghalhekk avvicinat lir-rapprezentant tal-istess socjeta’ attrici, bil-ghan illi tinformah dwar dan. Illi s-socjeta’ konvenuta pproponiet illi thallas lis-socjeta’ attrici ghal dik il-merkanzija li kienet nbieghet lill-klijenti taghha, filwaqt illi riedet trodd lura dik il-merkanzija li ma kienitx giet mibjugha. Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta kienet disposta li thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ madwar erba’ mitt Euro (€400.00), filwaqt illi d-differenza, ammontanti ghal madwar sitt mija u hmistax-il Euro (€615.00) kienet tirraprezenta l-valur tal-merkanzija li ma kienitx inbieghet, u li giet depozitata taht l-awtorita’ tal-

Qorti permezz ta’ cedola datata 11 ta’ Lulju 2012, u li kopja taghha tinsab a fol. 18 tal-atti.

Illi dwar l-ammont ta’ erba’ mitt Euro (€400.00), ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ddikjarat illi kienet disposta li thallas dan l-ammont lis-socjeta’ attrici, izda naqset milli tghamel dan ghaliex l-intendiment kien illi dan l-ammont kien ser jithallas lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kemm-il darba rapprezentant taghha jmur sabiex jigbor il-merkanzija mhux mibjugha, li baqa’ qatt ma sar, ghaliex ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ma accettax din il-proposta. Illi kien ghalhekk illi s-socjeta’ konvenuta ddepozitat il-merkanzija taht l-awtorita’ tal-Qorti; izda gie kkonfermat ukoll mir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta illi l-konsenjatarju hemm indikat huwa impjegat tas-socjeta’ konvenuta, u l-oggetti in kwistjoni baqghu jinzammu fil-mahzen tas-socjeta’ konvenuta.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, da parti tieghu, ddikjara illi ghalkemm il-ftehim kummercjali mas-socjeta’ konvenuta kien wiehed verbali, madanakollu, dan kien fuq bazi ta’ *purchase* u mhux *on consignment*, u li ghalhekk il-prodott kien qed jinxtara mis-socjeta’ konvenuta bil-ghan illi dan imbaghad jinbiegh bi qliegh lil terzi. Illi s-socjeta’ konvenuta nghatat *credit terms* ta’ sittin-(60) jum minn meta tkun saret il-konsenja sabiex jigi mwettaq il-hlas. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi l-ewwel fattura relattiva ghall-bejgh u konsenja lis-socjeta’ konvenuta tal-prodott in kwistjoni inharget fid-19 ta’ April 2010, filwaqt illi l-ahhar wahda inharget fit-30 ta’ Jannar 2012. Illi tul dan il-perjodu s-socjeta’ attrici bieghet lis-socjeta’ konvenuta mija hamsa u ghoxrin (125) *starter packs* ta’ dan il-prodott, filwaqt illi bieghet ukoll elf sitt mija u sittin (1,660) *refills* jew *cartridges*, u dan versu l-prezz kummercjali ta’ madwar tnax jew tlettax-il elf Euro (€12,000 / €13,000).

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi fl-20 ta’ Frar 2012 kien ircieva e-mail minghand is-socjeta’ konvenuta li permezz taghha gie mitlub sabiex jigbor dawk ir-*refills / cartridges* li kienu skadew, u sabiex jissostitwixxi dawk il-*cartridges* b’ohrajn; illi l-istess

rapprezentant tas-socjeta' attrici accetta, u hareg *credit note* ghall-*cartridges* li kien ser jiehu lura. Madanakollu, l-ghada rcieva e-mail ohra li permezz taghha gie avzat illi s-socjeta' konvenuta kienet irceviet hafna ilmenti minghand il-klijenti taghha dwar dan il-prodott, u li ghalhekk kienet ser tigi terminata r-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom, u li ma kienetx ser takkwista aktar dawn il-prodotti minghand is-socjeta' attrici. Illi ghalhekk ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici nforma lis-socjeta' konvenuta li kien dispost li jiehu lura dawk il-*cartridges* li kienu skadew, u li dwarhom inharget *credit note,* izda li kellu jigi mwettaq il-hlas tal-merkanzija l-ohra mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, u liema ammont huwa dak li qed jintalab permezz ta' din l-azzjoni, izda s-socjeta' konvenuta ma accettatx din il-proposta.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni, is-socjeta' attrici qed titlob hlas tas-somma ta' elf u tnax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€1,012.65c) li jirrapprezentaw il-prezz ta' merkanzaija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta. Illi da parti taghha, s-socjeta' konvenuta pproponiet kontrotalba, fejn qed tiddikjara illi d-decizjoni taghha li ma tbieghax lill-klijenti taghha r-rimanenti merkanzija kienet gustifikata, ghaliex l-oggetti ma kienux addattati ghall-bejgh, u li ghalhekk ghandha tigi awtorizzata li thallas lis-socjeta' attrici l-prezz biss ta' dik il-merkanzija li nbieghet lil terzi, u mhux ukoll ta' dik il-merkanzija li ghadha fil-pussess taghha.

Illi mill-provi u xhieda mressqa mill-partijiet irrizulta illi bejn April 2010 sa Jannar 2012, is-socjeta' attrici kienet qedha tikkonsenja lis-socjeta' konvenuta prodott mgharuf bl-isem "Intellicig", u dan sabiex dan il-prodott jinbiegh lill-klijenti taghha mill-istabbilimenti, ossia spizeriji, gestiti minnha. Illi jidher illi tali relazzjoni giet terminata hesrem fi Frar 2012, u r-ragunijiet mghotija mill-partijiet kontendenti huma differenti, in kwantu s-socjeta' konvenuta ddikjarat illi kienet qed tircievi wisq ilmenti minghand il-klijenti taghha dwar dan il-prodott, u li ghalhekk iddecidiet illi ma tibqax tbieghhom mill-istabbilimenti taghha, filwaqt illi s-

socjeta' attrici ddikjarat illi assolutament mhux minnu illi kien hemm xi differenzi bejn il-partijiet dwar *after-sales service*, u li kienet l-istess socjeta' attrici li ma kienitx disposta li tibqa' tissupplixi l-prodotti taghha lis-socjeta' konvenuta minhabba l-atteggjament arroganti u dispreggjattiv muri minn xi impjegati tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tar-rapprezentant taghha, u dan kif jirrizulta mill-kopja ta' e-mail li tinsab a fol.62 tal-atti.

Illi jidher illi lanqas m'hemm qbil bejn il-partijiet dwar x'tip ta' arrangament kien hemm bejniethom dwar is-sistema ta' bejgh ta' dawn l-oggetti, ghaliex filwaqt illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi kienet giet addottata sistema ta' *purchase* b'*credit terms* ta' sittin-(60) jum, is-socjeta' konvenuta, tramite tar-rapprezentant taghha taghti d'intendere illi kienu qed jahdmu b'sistema ta' *payment on consignment,* u li ghalhekk kienu intitolati li jitolbu lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex jiehu lura dik il-merkanzija li ma kienitx inbieghet. Madanakollu, din it-tezi tikkontrasta kemmxejn mal-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti, in kwantu talbet lil dan it-Tribunal sabiex; "*1. Jiddikjara illi s-socjeta' konvenuta rikonvenjenti kellha raguni tajba sabiex ma tbieghx il-prodott in kwistjoni; 2. Tordna illi l-prezz pretiz mis-socjeta' attrici jigi ridott in kwantu ghall-prodott mhux mibjugh mis-socjeta' konvenuta kif premess u li ser ikun depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti kif indikat.*" Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta qed titlob ezenzjoni milli twettaq il-hlas ghall-oggetti li ma gewx mibjugha lill-klijenti taghha, u dan in bazi tal-fatt illi ma kienux addattati ghall-bejgh minhabba varji ilmenti li rcivew minghand klijenti dwar dan il-prodott. Illi ghalhekk isegwi illi indirettament is-socjeta' konvenuta qed tirrikonoxxi illi ghandha twettaq il-hlas anke ghal dawk l-oggetti li ma bieghetx lill-klijenti taghha, izda qed titlob ezenzjoni minn tali hlas in bazi tar-ragunijiet moghtija tul dawn il-proceduri.

Illi dwar l-ewwel talba tas-socjeta' konvenuta kif kontenuta fil-kontrotalba taghha, it-Tribunl jaghmel referenza ghall-provvedimenti tal-Artikolu 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-kompetenza u gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li ghandu jaqta' u jiddecidi biss dwar talbiet

ta' flus, u li tieghu nghatat interpretazzjoni piuttost restrittiva mill-Qrati taghna, u jiddikjara ruhu mhux kompetenti *ex lege* sabiex jaghmel tali pronunzjament. Madanakollu, u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 7(1) tal-istess Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, u tenut kont illi ser ikun mehtieg illi t-Tribunal jistharreg dwar x'wassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim kummercjali li kien jezisti bejn il-partijiet sabiex finalment jiddeciedi dwar it-talba u l-kontrotalba, allura ser iqis tali kontrotalba tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti f'tali kuntest.

Ikkunsidra,

Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati mis-socjeta' attrici, u aktar precizament ir-rendikont u fatturi li gew immarkati kumplessivament bhala Dok.RC9, jirrizulta illi l-ammont li tieghu qed jigi mitlub il-hlas in forza ta' din l-azzjoni huwa in bazi ghal fatturi datati bejn is-7 ta' Novembru 2011 u l-ahhar wahda hija datata 20 ta' Frar 2012, u *credit note* datata 22 ta' Frar 2012. Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, u mhux kontradetta mir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, qabel il-konsenja tal-prodotti rizultanti minn dawn il-fatturi, kien hemm ohrajn, u jidher illi l-hlas ghal dawn il-konsenji gew saldati mis-socjeta' konvenuta. Illi ebda wiehed mill-partijiet kontendenti ma ressaq ebda prova dwar il-modalita' ta' kif gie mwettaq il-hlas tal-fatturi li kienu jippreceduu dawn, li huma l-mertu ta' din il-kawza, u cioe' jekk dawn gewx imhallsa mal-konsenja taghhom lis-socjeta' konvenuta, jew ahjar entro l-perjodu ta' sittin-(60) jum mill-konsenja ta' tali merkanzija.

Illi mill-elenku tal-oggetti li gew depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u liema elenku jinsab mehmuz mac-cedola ta' depozitu li saret mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta kien ghad fadlilha fil-pussess taghha ftit mill-prodotti li gew ikkonsenjati lilha mis-socjeta' attrici. Illi madanakollu, s-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova dwar kif waslet ghall-valur ta' sitt mija u hmistax-il Euro (€615.00) li dwarhom xehdet ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, u liema valur gie attribwit minnha lil

dawn l-oggetti li baqghu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta u li kellha l-hsieb li trodd lura lis-socjeta' attrici.

Illi da parti taghha, is-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta illi l-oggetti li jirrizultaw mill-fatturi relattivi, gew effettivament ikkonsenjati lilha. Illi t-Tribunal jinnota illi l-ordnijiet mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici baqghu jsiru regolarment sa meta gie terminat il-ftehim bejn il-partijiet kontendenti, u ghalhekk iqis l-argument tas-socjeta' konvenuta – illi l-klijenti taghha ma kienux sodisfatti bil-prodott u s-servizz li kienet toffri s-socjeta' attrici – kemm xejn sorprendenti, meta dawn baqghu jordnaw mhux biss *cartridges* izda anke *starter packs* sat-30 ta' Jannar 2012, u cioe' xahar biss qabel ma gie terminat il-ftehim bejn il-partijiet. Illi fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta' konvenuta baqghet tghamel l-ordnijiet sa ftit taz-zmien qabel ma spicca l-ftehim ta' negozju bejn il-partijiet, jikkontradixxi u jgib fix-xejn l-allegazzjoni mressqa minnha illi l-maggior parti tal-prodotti kienu difettuzi u mhux addattati ghall-bejgh, u li ghalhekk dawk li kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta' konvenuta meta gie terminat il-ftehim ghandhom jigu ritornati lill-istess socjeta' attrici. Illi kemm-il darba kien kif qed jigi allegat mis-socjeta' konvenuta, allura l-ordnijiet ghal dan il-prodott kienu jieqfu ferm qabel iz-zmien meta l-ftehim gie terminat. Illi minn qari tal-iskambju ta' e-mails li jinsabu a fol.61 *et seq* tal-atti jidher illi d-differenzi li kienu qed jinqalghu bejn il-partijiet kontendenti ma kienx dwar il-prodott per se, izda minhabba xi tilwim illi kien qed jinqala' bejn impjegati fi hdan is-socjeta' konvenuta u d-direttur tas-socjeta' attrici. Illi dan iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konkluzjoni illi mhux minnu dak allegat mis-socjeta' konvenuta illi l-prodotti mertu ta' din il-kawza m'humiex addattati ghall-bejgh, u li ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha tigi ordnata li tehodhom lura, ghaliex mill-provi mressqa mill-partijiet jidher illi d-differenzi bejniethom ma kienx daqstant dwar il-kwalita' tal-prodott, izda s-servizz li kienet qed tipprovdi s-socjeta' attrici fir-rigward ta' dan il-prodott.

Illi ghalhekk wara li t-Tribunal ikkunsidra dawn l-aspetti kollha, wasal ghall-konvinciment u konkluzjoni illi l-ftehim ta' negozju bejn il-partijiet kien effettivament illi s-socjeta'

konvenuta kienet qed tixtri l-prodott in kwistjoni minghand is-socjeta' attrici, u mhux biss li tircevihom *on consignment*. Illi ghalhekk il-hlas ghal dawn il-prodotti kien dovut entro sitin-(60) jum mid-data ta' kull fattura. Illi s-socjeta' konvenuta tista' liberament tbiegh dik il-merkanzija li ghadha u baqghet fil-pussess taghha – minkejja li din allegatament giet depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti, ghaliex effettivament inzammet fil-pussess tal-istorekeeper impjegat mas-socjeta' konvenuta, fi hdan l-imhazen tal-istess socjeta' konvenuta – ghaliex ma ngabet ebda prova mis-socjeta' konvenuta illi tali prodotti huma difettuzi jew mhux tal-kwalita' pattwita.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti kif kontenuti fil-kontrotalba tal-istess socjeta' konvenuta, u filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta ghat-talba tas-socjeta' attrici, jghaddi sabiex jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf u tnax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€1,012.65c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------